

Appell ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2021 minn Henry Cotton's Brand Management Co. Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fit-22 ta' Settembru 2021 fil-Kawża T-173/20, Henry Cotton's Brand Management vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-744/21 P)

(2022/C 198/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Henry Cotton's Brand Management Co. Ltd (rappreżentanti: A. von Mühlendahl, C. Eckhardt, P. Böhner, Rechtsanwälte)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-31 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma huwiex ammissibbli u li Henry Cotton's Brand Management Co. Ltd għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

Appell ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2021 minn NB mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fit-28 ta' Settembru 2021 fil-Kawża T-648/20, NB vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-774/21 P)

(2022/C 198/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: NB (rappreżentanti: J.-N. Louis, avocat, N. Maes, avocate)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla d-digriet appellat;

Billi tiddeċiedi permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li ma tinnominahiex fil-grad AST10 fil-kuntest tal-proċedura ta' nominazzjoni-promozzjoni/"riklassifikazzjoni" 2014-2018;

— tikkundanna, fi kwalunwke każ, lill-konvenuta għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka l-iżball manifest ta' evalwazzjoni meta ġie deċiż li r-rikors kien inammissibbli.

Hija tinvoka wkoll l-illegalità tal-proċedura stabbilita mill-istituzzjoni għall-implimentazzjoni tar-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2014 fir-rigward tan-nominazzjoni/promozzjoni mill-grad AST9 għall-grad AST10.
